MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Numru. 768/2012

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Dalli detentur tal-karta tal-identita` numru 437259(M).

**Akkuzat talli:**

1. Ikkommetta serq ta` diversi annimali u affarijiet ohra minn gewwa il-Gudja ghad-dannu ta` Anthony Bonnici u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravate bil-hin, u bil-valur li jammonta iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu ( €232.94) izda ma jaqbizx l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, hin u f’dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew

mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom liema reat jikkonsisti f'serq li huma aggravate bil-hin, persuna, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunajt xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` ghamel hsara li tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-dannu ta` Anthony Bonnici;

4. Nakkuzawh ukoll talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

5. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar is-26 ta` Gunju, 2012 inghata sentenza tal-Artikolu 22, kapitolu 446 ghal sena mill-Magistrat DR. A. Micallef Trigona, LL.D.

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba` (4) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-ko-operazzjoni tieghu mal-Awtorijiet investigattivi, kif ukoll li radd lura d-danni kkagunati lill-parte civile, din il-Qorti issibu hati tat-tieni (2) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-llum a terminu tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------